**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 14 ta' Marzu 2024**

Rikors Numru: 591/23 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 1271/2004)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1) Illi l-kontendenti izzewgu fl-17 Lulju 2004 (DOK A) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal u cioe D B illi twieldet fis-26 Dicembru 2006, E B illi twieled 14 Frar 2010 u F B illi twieled fis-6 Gunju 2019;
2) Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' seprazzjoni ppubblikat nhar it-13 ta' Marzu 2023 fl-atti tan-nutar Roland Wadge (DOK B);

3) Illi l-partijiet ilhom jgħixu mhux flimkien mis-separazzjoni taghhom.

4) Illi m'hemmx manteniment dovut ghat-tfal tal-partijiet u m'hemmx arretrati ta' manteniment fir-rigward tal-intimata;

5) Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

6) Illi għalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m' huiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

7) Illi ma dan l-att l-esponent qiegħed jipprezenta l-affidavit tieghu (DOK C).

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex:

1. A tenur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Qorti jogħġobha, previa s-smiegħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tiġi stabbilita l-esistenza ta’ dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet:

1. Illi fl-ewwel lok jinghad illi mhux kontestat li l-partijiet izzewwgu fis-17 ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) u lanqas m'huwa kkontestat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Roland Wadge, nhar it-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023).
2. Illi madanakollu jingħad illi hemm arretrati ta' manteniment fir-rigward ta' spejjeż ta' edukazzjoni tal-Minuri, u dan kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.
3. Illi ghalhekk hemm arretrati f'dan ir-rigward, liema spejjez huma wkoll formanti l- manteniment. Fil-fatt l-artikolu 19 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid car u tond hekk:

(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.

(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l- ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u ghall-edukazzjoni tagħhom.

4. Illi ghalhekk ir-rikorrent ghandu l-ewwel u qabel kollox jissalda dawn l-ispejjez sabiex it- talba tieghu ghal divorzju tkun tista' tipprosegwi;

5. Illi finalment l-esponenti topponi wkoll ghall-ispejjez kollha tal-procedura odjerna li ghandhom jigu akkollati lir-rikorrent.

Tant għandha x'tissottometti l-esponenti f'dal istadju, a savju ġudizzju ta' din il-Qorti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Novembru 2023;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat in-nota tal-intimata tat-8 ta' Marzu 2024 illi permezz tagħha kkonfermat illi l-pendenzi fir-rigward tal-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni ġew imallsa fl-intier tagħhom mir-rikorrent fil-mori tad-differiment, u għalhekk hija qiegħda tirtira it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) eċċezzjonijiet tagħha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Marzu 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.